**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Novembru 2023**

**Rikors nru : 101/2023 AGV ;**

**RM**

**Vs**

**JM**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors ta' RM, datat 26 ta' April 2023 li fih talab u ppremetta :

1. Il-kontendenti zzewgu f'Malta fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) [Dok A]

2. Minn din l-unjoni twieldu zewgt itfal u cioe J  li twieled fit-tlieta u ghoxrin (23) ta Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) [Dok B] u F  li twieldet fis-sbatax (17) ta Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) [Dok C]

3. In forza tad-digriet datat tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) [in att tal-ittra numru 149/2023] ir-rikorrenti pproceda bil-kawza odjerna [Dok D]. Din l-kawza ghadha ma hijiex appuntata.

4. Il-kontendenti huma mifruda de facto dan ghaliex fic-cirkostanzi prevalenti l-esponenti ma kellux ghazla ohra ghajr li jallontana ruhu mid-dar matrimonjali.

5. L-iskop tal-konunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti li sejra tigi likwidata fis-sentenza definittiva ta’ din l-Onorabbli Qorti illum spicca ghal kollox u hija x-xewqa tal-istanti li dan l-istat ta’ fatt jigi sancit legalment permezz ta’ sentenza ta’ din il-qorti.

6. Ghandu jkun inkontestat li ebda parti ma tista’ tbati l-pregudijzzu komptemplat fl-art 55 (4) tal-kap 16 tal-ligijiet ta’ Malta jekk kemm il-darba l-komunjoni tal-akkwisti titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta’ din l-Onorabbli Qorti. Dan anke in vista tal-interpretazzjoni moghtija fil-gurisprudenza kostanti ta’ din l-Onorabbli Qorti u kif ukoll in vista tal-fatt illi l-konvenuta diga’ ikkawtelat il-pretensjoniijiet taghha fir-rispett tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti permezz tal-mandat ta’ inbizzjoni li jgib ir-riferenza numru 38/2023 [Dok E]

7. Din l-Onorabbli Qorti kemm-il darba kellha l-opportunita' ttenni li l-waqfien tal-komunjoni ma jistax hlief ikun ta' beneficcju ghal-kontendenti, partikolarment meta dan jintalab u jigi koncess fl-istadju inizjali tal-proceduri ghal-firda. F' dan l-isfond issir riferenza ghas-sentenza Daniela Mizzzi vs Duncan Peter Mizzi (28 ta' Marzu 2014 Appell Civili nru 257/2011/1) Din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza AB v CB (30 t' Ottubru 2014 Rikors nru 133/2012/3) insenjat illi f'kawza ta' separazzjoni wahda mit-talbiet principali hi li komunjoni tigi terminata, bl-introduzzjoni tal-artikolu 55 il-Legislatura ried li fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni jew divorzju l-partijiet jistghu jitolbu li komunjoni tigi terminata. Certament li legislatur kien konxju tal-fatt illi mat-terminazzjoni tal-komunjoni kull parti ma tibqax tippartecipa mad-dhul tal-parti l-ohra. Tali rizultat isehh prattikament ma' kull terminazzjoni.

8. Il-Qorti tal-appell osservat inoltre li l-ezami li hu rikjest mill-ligi ghad-determinazzjoni ta' tali talba ma jirrigwardax ir-raguni wara tali talba izda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-istadju li tkun maghmula xi parti tkunx serja tbati pregudizju mhux proporzjonat, (Ara Desiree' Lowell sive Desiree' Lowell Borg v Micheal Lowell (30 ta' Ottubru 2015 rikors nru 139/2012)

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-art 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta:

1. Okkorrendo tappunta dan ir-rikors sabiex jinstema' flimkien mal-procedimenti principali.

2. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Mallia.

3. Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Mallia spiccuta mill-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva.

4. Tordna n-notifika tal-eventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta ta' JM u Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar 136778M ghar-rikors tas-26 ta' April 2023 ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi f'liema gie premess:

Illi l-esponenti qed toggezzjona ghat-talba tar-rikorrrenti billi din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi jigi rilevati li l-esponenti ghadha ma gietx notifikata bir-rikors guramentat numru 101/2023/AGV u b' hekk tali talba hija zgur intempestiva f dan l-istadju;

Illi di piu hija intempestiva ukoll billi l-esponenti ntavolat proceduri ghal separazzjoni personali permezz ta' kawza intavolata quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja bir-rikors guramentat numru : 104/23/AL liema sallum kienet ghadha mhux appuntata u b'hekk dan il-mertu ossija s-separazzjoni u l-komunjoni tal-akkwiwsti bejn il-partijiet qed jigu trattati dovut rispett qabel mal-kawza jinghaqdu f'konnessjoni ta' kawza wahda biex jigi evitat kunflitt bejn iz-zewg Qrati, dejjem bir-rispett;

Illi b'referenza ghall-Artikolu 55 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta li jaghtiha l-fakulta sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna

l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata;

Illi f'din it-talba il-Qorti trid neccessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 illi jistipula:

*qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkun sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonati bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

Is-sub-inciz 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti ghandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonatt.

Dana gie fil-kawza fl-ismijiet **Jade Cassar vs Robert Cassar** u wkoll fil-kawza fl-ismijiet **Martin Bezzina Wettinger vs Michella Bezzina Wettinger.** Illi ghaldaqstant bhala regola il-qorti rinfaccajata b'talba bhal din ghandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfattament ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra;

Illi jekk tintlaqa' din it-talba l-esponenti ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat u dan billi l-gid kollu li l-koppja ghandha jinsab kontenut gewwa 2 socjetajiet li l-ishma taghhom huma kollha rregistrati f'isem ir-rikorrenti bhala l-unka azzjonist u l-unika direttur u dan ossija is-socjetajiet RM Installatios LTD C69045 U RM Developers LTD C89931 liema saru fiz-zwieg li gie ccelebrat nhar is-7 ta' Novembru 2008;

Illi dawn iz-zewg socjetajiet mill-bidu net servew tal-unika karus tal-konjugi;

Illi tant hu hekk li l-gid kollu jinsab kontenut f'dawn iz-zewg kumpaniji li l-partijiet lanqas vetturi jew residenzi mmobiljarji m'ghandhom fl-isem taghhom u sahansitra l-laptops tat-tfal huma tas-socjetajiet, filwaqt li s-socjetajiet ghadha diversi propjetajiet immobiljarji taghha, inter alia;

Illi dan huwa pjan minsug mir-rikorrent mill-ewwel gurnata u dan sabiex jkollu u jezercita l-massimu kontroll fuq il-gid kollu taghhom kontra l-interessi u ghall-pregudizzju tal-esponenti;

Illi hekk kif bdew dawn il-proceduri r-rikorrent, fil-vesti tieghu ta l-unika direttur tas-socjeta' li kienet thaddem lill-esponenti, ittermina l-impjieg taghha (dan qed jigi sfidat bhala tkeccija ngusta fit-Tribunal Industrijali numru: 4174MF) u immedjatament tilfet introjtu ta' 60, 000 euro fis-sena. Il-konsegwenza ta' dan kienet li l-esponenti spiccat bla dhul mentri l-intimat baqa' bid-dhul kollu inkluz is-salarju kif ukoll zamm il-kontroll shih tal-profitti tas-socjetajiet li taghhom huwa l-unika direttur u azzjonist (permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru: 38/23/GM nhar 27 ta' Frar 2023 l-intimat gie inibit milli jittrasferixxi l-ishma peress li dawn huma komunjoni ta l-akkwisti);

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat nhar is-7 ta' Novembru 2008 u minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal bl-isem ta' JK M ta' 18 -il sena u F M ta'15- il-sena liema tfal ghandhom fi studju fulltime sallum;

Illi ghall-ahhar 5 snin il-koppja dejjem kienet tikri l-fond residenzjali billi l-intimat kien jipprometti li ser jkollhom darhom xi darba jew ohra, sa 2022 kienu jikru gewwa r-rabat, villa bir-rata ta tlett elfe Euro (3000) fix-xahar. Mentri meta

l-intimat gie mnehhi mill-pulizija mid-dar residenzjali huma kienu qed jghixu fil-fond numru; 33 , Triq Karmnu Zarb, Gharghur u dan b'titolu ta' kera versu l-hlas tal-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (1,400) fix-xahar. Dan il-fond ghadu sallum jservi bhala residenza tal-esponenti u wliedha, dejjem imhallas mill-esponenti;

Illi di piu bl-iskuza li kollox tal-kumpanija tal-intimat qabad u ha vettura li kienet tuza l-esponenti ghalija u ghal uliedha u llum tinsab bla vettura biex twassal l-uliedha ghall-affarijiet taghhom (alla hares mhux ghal ommha ghax kieku bil-pass) dan kollu bhala ripikka tal-intimat kontra taghha u dan huwa prova cara tal-kontroll assolut li jrid ir-rikorrent u t-talba tieghu ghall-waqfien tal-komunjoni ta l-akkwisti ser isservi ezattament dan u jikkonsolida l-kontroll li ghandu fuq il-kumpanija u jhalli lill-konvenuta b'xejn bi pregudizzju mhux proporzjonat fil-konfront taghha meta hi qed tippretendi li l-azzjonijiet tal-kumpaniji huma nofshom taghha ukoll;

Illi fil-frattemp l-intimat qed jirrisjedi bla spejjez f'wiehed mill-hafna appartamenti li socjetajiet taghhom jippossjedu u dan dejjem bis-salarju tieghu u b'idu fuq il-profitti taz-zewg kumpaniji (li tinkludi eluf ta' kirjiet fix-xahar);

Illi b'hekk il-pretenzjoni tal-esponenti li qed tressaq permezz tar-rikors guramentat numru 104/2023/AL hija l-kontroll tal-azzjonijiet li sallum jinsabu registrati fl-isem tar-rikorrent li pero hi qed tippretendi n-nofs taghhom u b' hekk jekk jintlaqa'dan ir-rikors l-konvenuta titlef kull kontroll u dan b'mod assolut billi l-azzjonijiet li huma llum f'isem ir-rikorrent ser jigu kompletament fil-kontroll tieghu bi pregudizzju rrimedjabli u sproporzjonat ghat-talba taghha li nofs l-azzjonijiet jigu ddikjarati bhala kif xieraq;

Illi l-pregudizzju huwa car u sproporzjonat billi jekk tintlaqa' din it-talba il-profitti kollha tas-socjetajiet mid-data ta' meta tintlaqa' ser immoru direttament

ghand ir-rikorrent u hi titlef dak il-profitt kollu meta s-socjetajiet gew ifformati waqt iz-zwieg u meta hi qed tippretendi dritt fuq nofs l-azzjonijiet taz-zewg kumpaniji;

Ghaldaqstant it-talba ghandha tigi michuda u dan ghar-ragunijet fuq premessi u dejjem bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ahharija tal-Qorti.
Bl-ispejjez.

**IKKUNSIDRAT**

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Mallia u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrent jisħaq li m'hemm xejn li jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa' din it-talba, stante li ħadd mill-partijiet mhu ser ibati preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u jsostni wkoll illi t-terminazzjoni ser tkun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet.

Min-naħa tagħha, l-konvenuta opponiet li jekk ikun hemm dikjarazzjoni tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, se jinħoloq preġudizzju mhux proporzjonat u ssostni li x-xoljiment tal-komunjoni m'għandhiex issir abbażi tal-artikolu 55(4) tal-Kodiċi Ċivili, peress li hija tikkontendi illi zewgha ghandu l-kontroll assolut taz-zewg kumpaniji li bazikament jikkontjenu l-komunjoni tal-akkwisti fl-intier taghha, f'liema, hija tallega, huwa ghandu kontroll assolut.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta` sabiex f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministazzjoni separata. Dan jistipula:

> ***"(1) Il-Qorti tista' f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Din il-Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan ai termini tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 illi jistipula:

> ***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza *in parte* għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-subinċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tipronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati 'preġudizzju mhux proprozjonat'. Dan ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Jael Cassar vs Robert Cassar**[1], u wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Martin Bezzina Wettinger vs Michella Bezzina Wettinger**[2].

---

[1] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta' Diċembru 2013, (Rikors Numru 212/2009/2 RGM)
[2] Rikors Ġuramentat 256/14AL.

Illi għaldaqstant, bħala regola, il-Qorti rinfaċċjata b'talba bħal din, għandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-kawżi eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

Din il-Qorti ssegwi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fejn ġie ddikjarat illi l-preġudizzju mhux proporzjonat għandu jiġi ppruvat minn min jallegah u dana ai termini tal-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li min jallega jrid jipprova ossia illi l-oneru tal-prova *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

Fil-fatt, b'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi: "In tema legali jingħad illi l-Artikolu 55 tal-Kap 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta` lil parti jew oħra li "f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi……t-talba għall-waqfien m'għandhiex tingħata jekk parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat". Inoltre` l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

In vista tal-liġi u tal-ġurisprudenza li qed issir referenza għalihom, din il-Qorti sejra tikkonsidra jekk l-oġġezzjoni sollevata mill-konvenuta possibilment tiġġustifikax iċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent għall-waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

L-konvenuta qed isostni li l-assi tal-komujnjoni tal-akkwisti huma kollha fiz-zewg kumpaniji gestiti b'mod esklussiv minn zewgha, tant li hija ssostni li l-partijiet f'isimhom lanqas ghandhom karozzi jew propjetajiet ohra u tindika li anke semplicement laptops tal-ulied, ukoll fattwalment huma propjeta` tal-

kumpaniji gestiti minn zewgha. Hija ssostni wkoll li zewgha waqqafha mill-impjieg li hija kellha ma' wahda mill-imsemmija kumpaniji, u zamm id-dhul kollu ghalih u dan oltre hlasijiet ohra li hija tallega li zamm ghalih wahdu.

Illi fir-risposta tagħha għar-rikors odjern, l-konvenuta ssottomettiet li r-rikorrent kemm tul iz-zwieg, ossia qabel inbeda l-procedura ta' separazzjoni, kif ukoll fil-mori tal-kawża odjerna, kien u ghadu qed jiġġestixxi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti hu mingħajr il-kunsens u l-konsapevolezza taghha. Għalhekk, l-konvenuta qed tikkontendi, li għad mhumiex ikkwantifikati l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti minħabba l-manuvri tar-rikorrent.

Jiġi osservat, li sal-lum, il-Qorti hija nieqsa minn dettalji dwar f'hiex tikkonsisti l-komunjoni tal-akkwisti, ghajr ghall-fatt li hemm dawn iz-zewg kumpaniji li taccenna ghalihom il-konvenuta. Lanqas gie dikjarat lill-Qorti jekk il-partijiet ghandhomx proprjeta' parafernali oltre l-komunjoni. Il-Qorti ghalhekk issibha difficli tilqa' talba ghall-waqfien tal-komunjoni meta ma tafx din f'hiex tikkonsisti. Huwa minnu li ordni bhal din tidhol fis-sehh biss mal-ghoti tas-sentenza, jigifieri dak li kien jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti, u x-xoljiment effettiv jsehh mas-sentenza finali. Madankollu, biex il-Qorti tkun sodisfatta li tali waqfien mhux ser johloq pregudizzju sproporzjonat lill-konvenuta, irid ikolha stampa iktar cara quddiemha. Kien ghalhekk fid-dmir tar-rikorrent li jikkonvinci lil dina l-Qorti bil-provi li l-waqfien tal-komunjoni mhux ser johloq ebda "pregudizzju sproporzjonat" ghall-konvenuta konvenuta. Hija l-fehma tal-Qorti li ghadu kmieni wisq sabiex jittiehed kwadru aktar car tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, biex din tigi terminata u ma tohloqx "pregudizzju sproporzjonat" ghall-konvenuta.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtiega ai termini tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, biex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx f'dan l-istadju.

Illi tenut kont tas-suespost, f'dan l-istadju, l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jista' jirreka preġudizzju mhux proporzjonat lill-konvenuta u konsegwentement il-Qorti mhijiex ser tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.

Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' RM, hekk kif dedotta fir-rikors tiegħu datat 26 t'April 2023.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**